**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2018**

**Talba Numru: 338/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 35**

**GO plc (C22334)**

**GO, Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**Vs**

**Spiru Muscat (91854M)**

**6, Sqaq Santa Katerina Numru 1,**

**Hal Qormi**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fil-24 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi ordnat lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u disgha u disghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,199.22c) dovuta in kwantu ghal erba' mija u tlieta u erbghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€443.54c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40310638 u seba' mija u hamsa u hamsin ewro u tmienja u sittin centezmu (€755.68c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40310984.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija disgha u disghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,199.22c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1702/2016 huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**